# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 6 ta' Ottubru 2017**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Numru: 844/2014 JPG**

**Salvatore sive Silvio (KI 329655M) u**
**Manwela sive Emma (KI 199756M),**
**konjugi Bugeja**

**VS**

**Victor u Nathalie konjugi Spiteri**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors datat 26 ta' Settembru 2014, ta' Salvatore sive Silvio (KI 329655M) u Manwela sive Emma (KI 199756M), konjugi Bugeja, (vide fol 1 et seq) li jaqra hekk;

*Illi l-esponenti konjuġi Bugeja akkwistaw il-Boathouse Numru Ħamsin (50), ġewwa triq privata, f'Qawra Rd, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar, u dan permezz ta' kuntratt in atti n-Nutar Clinton Bellizzi tal-Ħamsa (5) ta' April tas-sena elfejn u ħamsa (2005). (Eżebit Dok SB 1).*

*Illi, il-konvenuti, konjuġi Spiteri, jipposjedu l-fond adjaċenti u cioe il-fond ossia boathouse bin-numru wieħed u ħamsin (51), ġewwa triq privata, f'Qawra Rd, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar.*

*Illi, it-triq privata suindikata, tinsab quddiem il-boat house ta' l-esponenti, u dik li jipposjedu il-konvenuti, kif ukoll quddiem Boathouses oħra appartenenti lil terzi.*

*Illi, il-konvenuti Spiteri, eriġew, fit-triq privata quddiem il-boathouse li jipposjedu huma, kif ukoll quddiem il-boathouse appartenenti lill-esponenti, bank tal-ġebel, netting, barbeque kbir mibni bil-bricks, kanen bil-ħbula ta' l-inxir, satellite dish, u ħawt mibni bil-bricks bil-ħamrija ġo fih, illi qegħdin jgħattu il-veduta tal-baħar, kif ukoll qiegħdu fl-istess lok, barbeque, dustbin kbir, deep freezer, ħafna gaġġeġ bl-għasafar, qsari u tankijiet bil-pjanti u s-siġar, u mejda kbira bis-siġġijiet.*

*Illi, il-konvenuti, xi minn daqqiet, iħallu fl-istess lok, u partikolarment quddiem il-boat house ta' l-esponenti, dagħjsa, trailer u oġġetti oħrajn, għall-diversi ġimgħat matul is-sena.*

*Illi, bl-aġir tagħhom il-konvenuti, qegħdin jikkaġunaw molestja gravi u preġudizzju lill-esponenti, u dan stante li qed joħolqu inkonvenjent lilhom, fl-eżerċizzju u t-tgawdija tal-propjeta tagħhom, fejn inter alia, qed jiġu ostakolati mill-godiment tal-veduta tal-baħar fl-inħawi minħabba l-ostakoli li poġġew il-konvenuti, kif ukoll peress li lanqas ma jistgħu l-esponenti iqiegħdu il-vettura tagħhom quddiem il-boathouse appartenenti lilhom, kif ukoll, peress illi qegħdin bl-aġir tagħhom ukoll ibaxxu il-valur tal-propjeta ta' l-esponenti, minħabba dawn l-oġġetti illi qiegħdu il-konvenuti fit-triq privata su indikata.*

*Illi inoltre l-esponenti isibu wkoll diffikulta sabiex idaħħlu u joħorġu dagħjsa u/jew vettura fil-boathouse tagħhom, minħabba dawn l-oġġetti li jinsabu fit-triq privata su indikata.*

*Illi għalkemm interpellati, il-konvenuti baqgħu inadempjenti. (Dok SB 2).*

*Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħoġobha:-*

1. *Tiddikjara illi bl-aġir tagħhom, il-konvenuti qegħdin jikkaġunaw molestja gravi u preġudizzju lill-esponenti, u dan stante li qed joħolqu inkonvenjent lilhom, fl-eżerċizzju u t-tgawdija tal-propjeta tagħhom, u cioe il-Boathouse bin-numru Nru 50, ġewwa triq privata, f'Qawra Rd, Qawra, limiti ta' San Pawl il-Baħar; u;*

2. *Konsegwentement tordna lill-konvenuti sabiex ineħħu mit-triq privata li tinsab quddiem il-boat house wieħed u ħamsin (51), ħamsin (50), kif ukoll boat houses oħrajn, il-bank tal-ġebel, in-netting, il-barbeque kbir mibni bil-bricks, il-kanen bil-ħbula ta' l-inxir, is-satellite dish, il-ħawt mibni bil-bricks bil-ħamrija ġo fih, il-barbeque, id-dustbin kbir, id-deep freezer, il-ħafna gaġġeġ bl-għasafar, il-qsari u t-tankijiet bil-pjanti u s-siġar, u l-mejda kbira bis-siġġijiet, u oġġetti oħra, u jħallu l-istess triq privata libera minn kwalunkwe ostakolu; u;*

3. *Tordna lill-konvenuti sabiex ma jħallux fl-imsemmija triq privata, id-dagħjsa, it-trailer jew oġġetti oħrajn, u jħallu l-istess triq privata libera minn kwalunkwe ostakolu.*

*Bl-ispejjeż, kontra il-konvenuti, li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-Risposta Guramentata datata 17 ta' Ottubru 2014, ta' Victor Spiteri (K.I. Nru: 533161M) u Nathalie Spiteri (K.I. Nru: 27766M), (vide fol 24 et seq), li jaqra hekk;

1. *Illi preliminarjament, l-atturi ghandhom jindikaw taht liema dispozizzjonijiet tal-Ligi qeghdin jibbazaw il-pretensjonijiet taghhom u dan ai termini tal-Artikolu 156(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk l-konvenuti qeghdin minn issa jirrizervaw il-posizzjoni taghhom li, a spejjez tal-istess atturi, jaghmlu eccezzjonijiet ulterjuri f'kaz li l-atturi jinghataw permess minn dina l-Onorabbli Qorti illi jiccaraw l-azzjoni taghhom;*

2. *Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal dak sovra eccepit, l-atturi ma ghandhomx il-kapacita' processwali u l-interess guridiku li jressqu t-tieni u tielet talba. Tali azzjoni ghandha tkun mitluba mis-sid ta' t-triq privata;*

3. *Illi fil-mertu, il-fatti dikjarati u hawnhekk allegati huma kontestati u dana stante li l-konvenuti m'humiex qeghdin jikkawzaw molestja gravi u pregudizzju lill-atturi;*

4. *Illi fi kwalsiasi kaz, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dratt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidrat:**

**Salvatore Bugeja** xehed permezz ta' affidavit a fol 30 *et seq* illi hu u martu kienu xtraw il-*boathouse* taghhom xi fil-5 ta' April 2005 minghand Victor u Mary konjugi Belli. Xehed li dak iz-zmien ma kien hemm hadd joqghod permanentament ma' genb din il-*boathouse*, u lanqas kien hemm l-oggetti mertu ta' din il-kawza, hlief ghal bank tal-gebel quddiem il-*boathouse* ta' Victor Spiteri. Xehed illi peress illi numru ta' persuni joqghodu f'dawn il-*boathouses* b'mod permanenti, hu u martu ma tantx kienu jmorru fis-sajf, izda fix-xitwa kienu jmorru ma' xi hbieb kwazi kull nhar ta' Hadd, u matul il-gimgha martu xi drabi kienet tmur wahedha jew mal-genituri taghha. Qal li dak iz-zmien, l-intimati wkoll ma kienux jghixu hemm b'mod permanenti hlief fis-sajf, u dak iz-zmen kien johrog mejda bis-siggijiet barra, *rack* tal-inxir, u xi drabi kien ukoll jaghmel xi *barbeque*, izda minhabba illi kien izarma kollox fl-ahhar tas-sajf qatt ma kien jghid xejn.

Xehed illi xi snin wara, l-intimati marru joqghod fil-*boathouse* taghhom b'mod permanenti, u bdew ihallu d-dghajsa taghhom barra l-*boathouse* tieghu, u dan oltre *jetski*,

diversi oggetti tas-sajf, *cupboard,* gugarelli tat-tfal, bhala *tricycles.* Barra minn hekk, installa hbula tal-inxir b'mod permanenti billi wahhal kannen tal-hadid faccata tal-*boathouse* tar-rikorrenti, u kien anke ghamel kanna mal-art faccata tal-*boathouse* tar-rikorrenti bhala *support* ghat-tinda. Qal li b'konsegwenza ta' dan, ma kienitx tidhol id-dghajsa fil-*boathouse.* Zied ukoll li hu kien kellem lil Victor Spiteri dwar dan numru ta' drabi, u r-relazzjoni taghhom baqghat amikevoli. Kompla li nonostante dan, f'Jannar 2013 l-intimati kienu bnew *barbeque* kbir bil-bricks mal-hajt li jigi faccata tal-*boathouse* tar-rikorrenti.

Qal ukoll illi huwa kien ghamel rapport mal-MEPA rigward dan il-*barbeque,* u dawn kien informawh illi m'huwiex legali li wiehed jghix b'mod permanenti gewwa *boathouse,* pero xorta wahda ma hadu l-ebda passi. Minn naha taghhom, l-intimati komplew jingombraw il-post, billi poggew ukoll tankijiet kbar tal-plastik, *flower pots* kbar, hawt mibni bil-gebel *chest freezer, dustbin* kbira, gaggeg tal-ghasafar u affarijiet ohra u ghatta l-veduta tal-bahar bin-*netting.* Zied li dawn l-oggetti jkun hemm is-sena kollha. Xehed illi fi Frar tal-2014 kellhu jaghmel rapport il-pulizija biex jitnehhew id-dghajsa tal-intimati u zewg dghajjes ohra li kienu mal-genb tat-triq biex ikun jista' jdahhal id-dghajsa tieghu. Spjega illi s-Surgent kien qallu li wara li kien ghamel kuntatt mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar kien irrizulta illi t-triq hija privata u ghalhekk ma setghax jiehu passi u ta parir jaghmel rapport iehor mal-MEPA, li minhabba f'hekk kienu irrealizaw li l-*boathouse* kienet mibnija illegalment. Qal illi ghamel diversi xhur jipprova jbiegh din il-*boathouse* izda kull xerrej prospettiv dejjem kien jghidlu li mhux ser jixtri l-*boathouse* minhabba li l-intimati poggew hafna affarijiet barra u kerhu l-ambjent.

**Manwela Bugeja** xehdet permezz ta' affidavit a fol 40 u kkonfermat ix-xhieda ta' zewgha Salvatore Bugeja.

**PS1300 Julian Fenech** xehed a fol 40A *et seq* illi fid-29 ta' Marzu 2014 Salvatore Bugeja kien mar l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra u rraporta illi huwa kellu *boathouse* u s-sid tal-*boathouse* ta' magenbu kien halla barra d-dghajsa u xi oggetti ohra li kienu qed jostakolaw l-access ghalih. Spjega li hu kien mar fuq il-post u kellem lil Victor Spiteri li kien qallu li t-triq kinet privata u ghalhekk kellu dritt li jhalli d-dghajsa u l-oggetti l-ohra fejn kienu. Kompla li hu kien ikkonferma li t-triq hija fil-fatt privata ma' Transport Malta, u kien

ukoll ghamel kuntatt mal-MEPA sabiex jaghmlu *enforcement* rigward il-manxar tal-inxir u l-*barbeque.*

**In kontro-ezami** xehed illi hu ma kienx kellem lill-Ispettur tal-ghassa dwar dan il-kaz, u li ma kienet harget ebda tip ta' akkuza kriminali.

**Il-Perit Censu Galea** xehed permezz ta' affidavit a fol 55 *et seq* illi hu kien gie nkarigat mir-rikorrenti sabiex jispezzjoni l-*boathouse* numru 21 u l-area ta' quddiemha u kien ghamel rapport dwar dan fl-4 ta' Ottubru 2014 ma' liema kien annetta numru ta' ritratti li ha fuq il-post. Fir-rapport tieghu huwa jghid illi saru xogholijiet li jostakolaw l-ispazju ta' quddiem il-*boathouse* tal-partijiet, liema ostakolu jikkonsisti f'bini ta' *barbeque* bil-*bricks,* hawt tal-konkrit, *chest freezer* kbira, *dustbin* kbira, u hafna gaggeg tal-ghasafar u diversi oggetti ohra. Irraporta wkoll illi l-*area* giet maghluqa b'*sunsceen net* li jostakola l-veduta, u twahhlu hbula tal-inxir li jaghmluha kwazi mpossibli biex wiehed jipparkja karozza. Irrapporta wkoll illi dawn l-oggetti wasslu biex kull persuni li kienet interessata tixtri din l-*boathouse* tar-rikorrenti jew warrab mal-ewwel offerta jew offra prezz ferm aktar baxx. Ikkonkluda ghalhekk illi l-agir tal-intimati affettwa b'mod negattiv il-valur tal-*boathouse* tar-rikorrenti.

**Steve Austin** a fol 64A *et seq* xehed illi jokkupa l-kariga ta' Senior Enforcement Officer fi hdan il-MEPA u kkonferma illi r-rikorrenti kienu ghamlu zewg rapporti mal-MEPA. Spjega li l-kwistjoni kienet tirrigwarda xi forn u hbula ghall-inxir tal-hwejjeg li kienu faccata tal-*boathouses* tal-partijiet. Qal illi huwa mar fuq is-sit diversi drabi u kien ihalli *letters to call,* izda bhala infurzar, l-Awtorita qaghdet lura peress illi kwazi kull *boathouse* ghandha fran u hbula ghall-inxir tal-hwejjeg ghaliex jintuzaw bhala residenzi u filfatt huma mharrkin. Ikkonferma illi l-oggetti mertu ta' din il-kawza huma illegalitajiet.

**In kontro-ezami** a fol 64D *et seq* xehed illi qatt ma nhareg *enforcement notice* fuq il-*boathouse* tal-intimati u li rrizulta minn ritratti ricenti li l-forn tnehha. Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn ma hargitx *enforcement notice* wiegeb illi dan huwa ghaliex hemm aktar xi jsir fuq diversi *boathouses* u l-Awtorita trid tiehu azzjoni permezz ta' ezercizju wiehed.

**Anthony Gauci** xehed a fol 73 *et seq* u a fol 80 *et seq* illi huwa direttur tas-socjeta Nauciera Limited li kienet bieghet il-*boathouses* in kwistjoni. Spjega illi meta bieghet l-

*boathouses,* Nuaciera Limited kienet baqghat is-sid tat-toroq fejn hemm il-*boathouses.* Xehed illi ma giet riservata l-ebda kondizzjoni rigward l-uzu ta' dawn it-toroq, u ma gie moghti xi dritt partikolari lil hadd. Qal ukoll illi l-istess kumpanija qatt ma tat permess lil xi hadd mis-sidien tal-*boathouses* sabix jibnu xi strutturi, u qatt ma saret xi talba biex jinbnew strutturi fit-toroq.

**Victor Spiteri** xehed permezz ta' affidavit a fol 87 *et seq* illi huwa l-proprjetarju ta' *boathouse* li tinsab fl-indirizz 51, Triq ta' Xtut, Qawra, li tinsab biswit il-*boathouse* tar-rikorrenti, u li quddiem dawn il-*boathouses* hemm fetha li hija proprjeta tas-socjeta Nauciera Limited. Xehed illi l-*barbeque* in kwistjoni kien bnieh hu fis-sena 2013, izda llum il-gurnata nehhieh, ghalkemm fl-istess dahla hemm nurmu ta' *barbeques* ohra. Rigward in-nett ta' protezzjoni xehed illi dan ghamlu peress illi l-hajt tal-veranda m'huwiex gholi bizzejjed u ghalhekk qieghed iservi ta' protezzjoni peress illi wara il-hajt baxx hemm gholi ta' sular u nofs. Rigward il-mejda u s-siggijiet xehed illi dawn qieghdin quddeim il-bieb tieghu u mhux tar-rikorrenti. Dwar l-allegazzjonijiet illi r-rikorrenti qed isibuha diffizli jbighu il-proprjeta taghhom minhabba l-oggett in kwistjoni, Spiteri xhed illi l-faccata tal-proprjeta tar-Rikorrenti tinsab fi stat dizastruz, tant li t-tinda taghhom hija ta' periklu ghax tista' taqa' fuq xi hadd, u li kienet reklamata ghal bejgh b'numru hazin li r-rikorrenti ma bidlux.

**In kontro-ezami** a fol 110 *et seq* xehed **illi huwa nehha kollox mill-oggetti meritu ta' din il-kawza, apparti il-mejda u siggijiet u il-hbula tal-inxir. Fir-rigward ta' netting qabel illi dan huwa gholi iktar minn bniedem adult.**

**Ikkonsidrat;**

L-intimati ecceppew illi r-rikorrenti ghandhom jindikaw taht liema disposizzjoniji tal-ligi qed jibbazaw il-kawza taghha, u permezz tat-tieni eccezzjoni taghhom eccepew illi r-rikorrenti ma jistghux jirnexxu f'din l-azzjoni peress illi m'humiex is-sidien tat-triq in kwistjoni.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Alfred Hili & Co Ltd et vs Master Electric Company Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Novembru 2004:

"*"Imkien fil-ligi mhu impost l-obbligu fuq l-attur li fic-citazzjoni jindika liema kienet il-ligi li kellha tigi applikata ghall-fatti li kienu jifformaw il-meritu tat-talba tieghu …. Il-ligi tesigi biss tifsira cara u sewwa tal-fatti li minnhom torigina l-kawza u l-kawzali li jaghtu lok ghall-istess talba u jiggustifikawha" [Vol.LXXXII.II.726].*"

F'dan is-sens huwa relevanti wkoll dak li jinghad fis-sentenza fl-ismijiet **Godwin Azzopardi vs Paul Azzopardi** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2003 illi:

"***Huwa principju generali bil-wisq notorju illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Il-'kawza' ta' domanda hija r-raguni guridika taghha, ossia l-fundamentum agendi taghha. Din il-kawza, li hija l-origini tad-domanda, tiddistingwi ruhha mill-oggett tac-citazzjoni, li huwa "cio' che e' attualmente domandato.***"

Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Rigward il-bazi ta' din l-azzjoni taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Piju Borg vs Daniel Orsini** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Mejju 2016, fejn fuq kwistjoni simili, u cioe molestja fir-rigward tad-dritt ta' uzu ta' passagg intqal illi:

"***...din l-azzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala azzjoni ta' manutenzjoni skond l-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jtenni illi: "Kull min ikun jinstab fil-pussess ta' liema xorta jkun, ta' ħaġa immobbli jew ta' universalitá ta' ħwejjeġ mobbli, jista' fi żmien sena mill-molestja, jitlob li jinżamm f'dak il-pussess basta li ma jkunx ħa b'idejh il-pussess mingħand il-konvenut bi vjolenza jew bil-moħbi, jew ma jkunx kiseb mingħandu dak il-pussess b'titolu prekarju.***"

Il-Qorti taqbel ma dan ir-ragunament u tqis illi ghandu jigi adottat fil-kawza odjerna. Minn dan isegwi ghalhekk illi anke t-tieni eccezzjoni hija nfondata peress illi din l-azzjoni, hija

azzjoni possessorja u mhux petitorja u ghalhekk ma tirrikjedix titolu ta' proprjeta biex tigi avvanzata. Ghaldaqstant anke t-tieni eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Fil-meritu, il-Qorti rat illi rrizulta ampjament mill-provi illi l-intimati poggew l-oggetti u strutturi lamentati fit-triq fejn il-partijiet ghandhom il-*boathouses* taghhom.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alexander Grech et vs Mamma Mia Company Limited et** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-7 ta' Frar 2012 gie rrilevat illi:

> ***"...l-uzu tal-jedd ghandu jkun fil-qies li jmiss, anke meta dan il-jedd ikun wiehed ta' proprjeta'. In-natura assoluta tal-proprjeta' ma jfissrix li s-sid jista jaghmel dak kollu li jrid. Dan il-qies ghalhekk ssir mbaghad abbuz meta s-sid anke b'mezzi li ma jidhrux jissupera dak il-limitu tad-dritt ta' proprjeta tieghu biex b'hekk jilledi d-drittijiet ta' terzi.*** **(...)**
>
> **(...)** ***L-obbligazzjonijiet tal-"buon vicinato" għalhekk essenzjalment huma li, waqt li s-sid għandu l-ewwelnett inaqqas kemm jista' l-inkonvenjent li joħloq lill-girien l-użu tal-proprjeta tiegħu, il-girien għandhom id-dmir li jittolleraw dak ir-residwu ta' inkonvenjent inevitabbli sakemm dan ikun normalment tollerabbli f'dik iż-żona partikolari.*"**

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Mifsud et vs Victor Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru 2004 intqal illi:

> **"[d]*an huwa principju rikonnoxxut kemm il-darba fil-gurisprudenza lokali li lmolestja ghandha tigi sopportata mill-gar/girien meta din ma tkunx gravi u cjoe' meta din ma teccedix il-limiti tat-tolleranza (ara l-kawza fl-ismijiet John Testa v. Anthony Bruno et noe, deciza minn din il-Qorti diversament komposta fit-30 ta' Mejju, 1988). Il-Qorti ta' l-Appell diga' kellha l-okkazzjoni biex il-kawza fl-ismijiet Pio Bezzina v.***

***Giacomo Galea deciza fis-27 ta' Gunju 1955 inter alia tirritjeni hekk dwar l-argument in kwistjoni:***

***"Jista' liberalment jinghad li l-gurisprudenza taghna hija, f'din il-materja, f'dan is-sens: jigifieri li d-dritt tal-proprjetarju li juza u jiddisponi mill-haga proprja ghandhu jigi kontemperat ma' dak tal-proprjetarji vicini"."***

Illi ghalhekk, sabiex tirnexxi din l-azzjoni minn naha tar-rikorrenti irid jirrizulta illi bl-agir tal-intimati huwa qed isofru molestja gravi li teccedi l-limiti ta' tolleranza. Mill-kontro-ezami tal-intimat jirrizulta li numru ta' oggetti diga tnehhew minn fuq il-post u issa baqa' biss in-*netting,* il-hbula tal-inxir bil-kanen tal-hadid eretti appositament u l-mejda u siggijiet.

Fir-rigward tan-*netting,* il-Qorti tqis illi galadarba jidher illi dan sar ghal protezzjoni u cioe biex persuna ma taqax ghall-isfel minhabba li c-cint huwa baxx, dan in-*netting* qieghed iservi funzjoni legittima, specjalment ikkonsidrat illi mix-xhieda jirrizulta li fl-inhawi ikun hemm it-tfal, li ghaldaqstant ghandhom jigu protetti mill-periklu. Il-Qorti tqis pero illi l-fatt illi l-intimati ghamel in-netting gholi iktar minn persuna adulta joltrepassa l-limiti tat-tolleranza peress illi jostakola l-veduta b'mod irragonevoli. Ghalhekk, fir-rigward tan-*netting,* il-Qorti hija tal-fehma illi li dan in-*netting* m'ghandux jitnehha addirittura, izda ghandu jitbaxxa u m'ghandux jkun oghla aktar minn erbgha (4) piedi mill-art.

Fir-rigward tal-oggetti kollha l-ohra, jirrizulta mir-rapport tal-Perit Censu Galea, illi ma giex kkontestat, li dawn qed joloqu molestja gravi ghar-rikorrenti, senjatament billi qieghdin jaghmlha kwazi impossibli illi r-rikorrent jdahhlu l-boat taghhom fil-boathouse, qed jostakolaw il-veduta u jkerrhu l-ambjent. Il-Qorti tqis fid-dawl tal-provi migjuba quddiem illi l-agir tal-intimati jissarraf f'molestja gravi li tmur oltra l-limiti tat-tolleranza, u ghalhekk l-oggetti kollha ghandhom itnehhew, salv dak li diga gie provdut rigward in-*netting.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna lill-intimati jnehhu l-oggetti kollha li qed jikrejaw ingombru fit-triq u li ma tnehhewx fil-mori tal-kawza, senjatament il-hbula

tal-inxir, jitnehhew ukoll il-kanen eretti ghall istess hbula ta' l-inxir; jitnehhew il-mejda u is-siggijiet, u n-*netting* jitbaxxa sabiex ma jkunx aktar gholi minn erbgha (4) piedi mill-art.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**